UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/02/2026]
27 ta' Marzu 2026

ĠBIR GĦALL-KARITÀ FIS-SENA 2025

Parti mill-ħidma tal-Uffiċċju Djakonija tad-Djoċesi ta' Għawdex hi li jissensibilizza l-komunità Nisranija favur istituzzjonijiet li jaħdmu ma' persuni vulnerabbli jew jiddependu ħafna mid-donazzjonijiet għall-ħidma tagħhom.

Barra minn hekk, l-istess Uffiċċju jara li meta jkun hemm emerġenzi internazzjonali, bħal fil-każ ta' diżastri naturali jew kriżijiet umanitarji, il-komunità Nisranija twieġeb b'ġenerożità għall-għajnuna li tkun qed tintalab.

Matul is-sena 2025, id-Djoċesi ta' Għawdex ġabret u qassmet €174,751.70 f'għajnuna lil istituzzjonijiet lokali u oħrajn, grazzi għall-ġenerożità tal-poplu Għawdxi.

L-għotjiet miġbura tqassmu hekk:

DATA	DESTINAZZJONI	AMMONT (€)
01/01/2025	Dar tal-Providenza	€40,200.00
22-23/02/2025	Obolo ta' San Pietru	€14,782.00
17/04/2025	Fondo Clero (Ħamis ix-Xirka)	€18,300.61
31/05-01/06/2025	Dar Arka	€16,059.03
13-14/09/2025	Gaza	€55,749.23
15-16/11/2025	Jum il-Karità (Caritas djoċesana)	€29,660.83
	TOTAL	**€174,751.70**

Barra minn dawn, kien hemm ġabriet oħra li, bil-permess tad-Djoċesi, saru minn entitajiet oħra (fosthom is-Seminarju Maġġuri u Missio Malta), u li ċ-ċifri tagħhom ma humiex inklużi f'din il-lista.